31994D0837

31.12.1994 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 352/15

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI
## tas-16 Diċembru 1994
## li tippreskrivi kondizzjonijiet speċjali għall-approvazzjoni ta' ċentri għat-tgeżwir mill-ġdid msemmija fid-Direttiva tal-Kunsill 77/99/KEE u regoli għall-*marketing* tal-prodotti li ġejjin minnhom

(94/837/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 77/99/KEE tal-21 ta' Diċembru 1976 fuq problemi tas-saħħa li jaffettwaw il-produzzjoni u l-*marketing* ta' prodotti tal-laħam u ċerti prodotti oħra ta' oriġini annimali [1], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 92/118/KEE [2], u partikolarment Artikolu 17 tagħha,

Billi ċ-ċentri tat-tgeżwir mill-ġdid jistgħu jagħmlu ħidmiet ta' tqandil, flimkien mal-ippakkeġġjar u/jew riassemblaġġ mill-ġdid, bħal tqattigħ u tfellil ta' prodotti tal-laħam; billi dan jista' jfisser it-tqandil ta' prodotti li mhumiex protetti bl-ippakkeġġjar tagħhom jew materjali tal-ippakkjar;

Billi l-kondizzjonijiet tal-iġene li taħthom dawn l-operazzjonijiet għandhom isiru għandhom ikunu mfissra;

Billi għandhom ikunu preskritti wkoll regoli għall-immarkar tas-saħħa ta' prodotti minn dawn iċ-ċentri tat-tgeżwir mill-ġdid;

Billi l-miżuri li għalihom tipprovdi din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti Veterinarju,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. Ċentri tat-tgeżwir mill-ġdid li jassemblaw mill-ġdid biss prodotti mingħajr ma jneħħu l-ippakkjar għandhom iħarsu l-kondizzjonijiet rilevanti murija f'Anness B, Kapitolu VII, punt 1 tad-Direttiva 77/99/KEE.

2. Ċentri tat-tgeżwir mill-ġdid li jagħmlu ħidmiet ta' tneħħija tat-tgeżwir u l-ippakkjar mill-ġdid għandhom iħarsu l-kondizzjonijiet rilevanti murija f'Anness A, Kapitoli I u II tad-Direttiva 77/99/KEE u l-kondizzjonijiet pertinenti murija f'Anness B, Kapitolu I, punti 1 (a), (b), (d), (e) u (f) u 2 (a), (ċ), (i) u (j) tal-imsemmija Direttiva.

*Artikolu 2*

1. Prodotti miċ-ċentri tat-tgeżwir mill-ġdid msemmija f'Artikolu 1(1) għandhom iżommu l-marka tas-saħħa tal-istabbiliment tal-produzzjoni ta' oriġini.

Prodotti miċ-ċentri tat-tgeżwir mill-ġdid msemmija f'Artikolu 1(2) għandhom ikollhom il-marka tas-saħħa skond id-dispożizzjonijiet murija f'Anness B, Kapitolu VI tad-Direttiva 77/99/KEE. Il-marka tas-saħħa għandha tinħareġ liċ-ċentri ta' t-tgeżwir mill-ġdid mill-awtorità kompetenti.

Fejn prodotti minn sorsi differenti huma assemblati mill-ġdid, il-marka tas-saħħa taċ-ċentru tat-tgeżwir mill-ġdid għandha tkun applikata lill-aħħar ippakkjar magħmul fiċ-ċentri tat-tgeżwir mill-ġdid.

2. Ċentri tat-tgeżwir mill-ġdid għandhom jistabbilixxu sistema speċjali ta' reġistrazzjoni biex jippermettu l-awtorità kompetenti li tirrintraċċa prodott irrappjat mill-ġdid sal-istabbiliment ta' oriġini tiegħu.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula f'Brussell, fis-16 ta' Diċembru 1994.

*Għall-Kummissjoni*

René STEICHEN

*Membru tal-Kummissjoni*

---

[1] ĠU L 26, tal-31.1.1977, p. 85.
[2] ĠU L 62, tal-15.3.1993, p. 49.